MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. GRAZIO MERCIECA

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 97/2004

**Master Distributors Limited**

**vs**

**Louis Schembri**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Ammont bilancjali dovut lis-socjeta’ attrici mill-konvenut ghall-merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata.

Bl-ispejjez tal-prezenti, tal-ittri interpellatorji tas-7 ta’ Novembru 2003, tal-10 ta’ Settembru 2003 u tal-5 ta’ Mejju 2004, u bl-imghax legali mill-4 ta’ Jannar 2003 data ta’ l-ahhar konsenja sal-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.”

Peress illi t-talba attrici giet ippruvata permezz tal-ammissjoni tal-konvenut li pero’ stante s-sitwazzjoni

personali tieghu talab zmien ghall-hlas; ghal liema talba l-avukat difensur tas-socjeta' attrici rrimetta ruhu ghad-decizjoni tat-Tribunal.

Jilqa' t-talba billi jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta' LM1070.06 ammont bilancjali dovut mill-konvenut ghal merkanzija lilu mibjugha u kkunsinnata bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tas-7.11.2003, 10.09.2003 u tal-5.05.2004 bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-eventwali hlas effettiv, b'dan illi din is-sentenza ssir esegwibbli fl-1 t'April 2005.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------